# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

# GĦALL-

# ĦAMES FORMOLI STANDARDIZZATI BIEX JAKKUMPANJAW IL-PROĊEDURA GĦALL-INFURZAR TA' PENALI FINANZJARJI TRANSFRUNTIERA KIF STABBILIT FID-DEĊIŻJONI QAFAS 2005/214/ĠAI

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal penali finanzjarji[1] (FD) dati mill-24 ta' Frar 2005. Dan l-instrument jagħti l-possibbiltà lil awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva sabiex tittrażmetti penali finanzjarja direttament lil awtorità f'pajjiż tal-UE ieħor u sabiex ikollha dik il-penali rikonoxxuta u eżegwita mingħajr xi kwalunkwe formalità oħra. Il-proċedura tapplika prinċipalment għal sitwazzjonijiet fejn multa hija imposta fuq persuna li ma hijiex residenti tal-pajjiż tal-UE fejn ikun sar ir-reat, li tonqos milli tħallas il-multa u mbagħad tħalli t-territorju ta' dak il-pajjiż. Id-data preskritta bl-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas kienet it-22 ta' Marzu 2007. Mill-2017 'l hawn, kważi l-Istati Membri kollha implimentaw id-Deċiżjoni Kwadru u mijiet ta' eluf ta' każijiet kull sena qed jiġu trasferiti bejn l-Istati Membri differenti.

Meta jittrażmetti d-deċiżjoni li timponi penali finanzjarja, l-Istat emittenti għandu jittrasmetti Ċertifikat (fl-Anness għad-Deċiżjoni Qafas) fil-lingwa tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni. Iċ-ċertifikat għandu jkun fih it-tagħrif rilevanti kollu li jippermetti lill-Istat ta' eżekuzzjoni li jirrikonoxxi u jeżegwixxi d-deċiżjoni. Wieħed mill-prinċipji tad-Deċiżjoni Qafas huwa li l-każijiet qed jiġu trasferiti direttament minn awtorità kompetenti fi Stat Membru għal awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor. Id-Deċiżjoni Qafas tippreskrivi f'diversi każijiet li dawn l-awtoritajiet kompetenti jridu jikkonsultaw jew jinfurmaw lil xulxin waqt il-proċess (eż. l-Art. 7, 9, 11, 12 u 15 tad-Deċiżjoni Qafas). Madankollu, id-Deċiżjoni Qafas ma tipprovdix regoli għar-reġim tal-lingwa li fih dan il-kuntatt għandu jseħħ.

L-esperjenza f'dawn l-aħħar snin uriet il-bżonn għal tipi oħra ta' formoli standardizzati sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni dwar każijiet individwali bejn l-awtoritajiet responsabbli. Kull talba ta' penali finanzjarji transfruntiera normalment twassal għal mill-inqas żewġ ittri ta' segwitu mill-Istat ta' eżekuzzjoni lill-Istat emittenti, jiġifieri messaġġ li l-każ ġie rċevut/aċċettat u messaġġ bir-riżultat finali għall-infurzar. Xi każijiet jeħtieġu aktar skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati kkonċernati.

Id-differenzi lingwistiċi fl-UE jagħmlu l-komunikazzjoni estensiva skont id-Deċiżjoni Qafas, proċedura li tiswa ħafna flus u li tieħu ħafna ħin. L-ewwel nett minħabba l-ispejjeż tat-traduzzjoni u t-tieni nett peress li ħafna drabi hemm bżonn ta' ħafna ħin biex tiġi stabbilita t-tifsira ta' ċerti komunikazzjonijiet u ż-żmien li jista' jkun meħtieġ għat-traduzzjoni ta' dokumenti.

Fuq l-inizjattiva tal-Ġermanja, inħoloq grupp ta' esperti biex jabbozza ċerti formoli standardizzati li jistgħu jintużaw f'każijiet transfruntiera ta' penali finanzjarji sabiex jiġu ffaċilitati l-proċessi ta' rikonoxximent u infurzar, mingħajr il-ħtieġa ta' traduzzjoni.

[1] ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16

***Il-ħames formoli standardizzati ma għandhom l-ebda impatt fuq il-kontenut sostantiv tad-Deċiżjoni Qafas, u ma għandhom l-ebda effett leġiżlattiv. L-użu tal-formoli mill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi hu strettament volontarju. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa biex jippromwovu l-użu tal-formoli, billi dawn jiffaċilitaw il-mekkaniżmu għall-eżekuzzjoni ta' penali finanzjarji transfruntiera kif stabbilit mid-Deċiżjoni Qafas u jwasslu biex jitnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv marbut mal-proċedura.***

L-iskambju elettroniku tal-informazzjoni futur li jinsab fil-formoli jista' jiġi previst fi stadju aktar tard.

## IL-METODOLOĠIJA TAL-GRUPP TA' ESPERTI

### L-Approċċ

Il-Kunsill Ewropew tal-Grupp ta' Ħidma COPEN fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' April 2016 abbażi tal-inizjattiva tal-Ġermanja ssuġġerixxa li xi Stati Membri jiffurmaw grupp ta' esperti biex jiddiskutu u jabbozzaw formola/i standardizzata/i biex tiġi ffaċilitata l-proċedura għall-infurzar transfruntier ta' penali finanzjarji. Il-Kummissjoni Ewropea qablet li tinvolvi ruħha fix-xogħol tal-abbozzar u tikkoordina l-proċess.

Esperti mill-Polonja, il-Finlandja, il-Ġermanja u n-Netherlands vvolontarjaw biex jipparteċipaw fil-grupp ta' abbozzar. Żewġ laqgħat tal-grupp ta' esperti saru — fis-16 ta' Ottubru 2016 u fit-22 ta' Novembru 2016 — fil-bini tad-DG JUST. Dawn il-laqgħat servew sabiex jiddiskutu ideat u jabbozzaw formoli differenti. Ir-riżultat tal-grupp ta' esperti ġie ppreżentat lill-Istati Membri kollha fil-laqgħa tal-COPEN tas-16 ta' Diċembru 2016[2]. Abbażi tal-kummenti bil-miktub tal-Istati Membri l-esperti abbozzaw mill-ġdid it-testi tal-5 formoli. Dan il-***Memorandum għandu l-għan li jispjega r-raġunament wara l-ħolqien tal-formoli u jiddeskrivi kull formola fid-dettall. Din għandha tippermetti lill-professjonisti biex japplikaw il-formoli b'mod korrett fil-ħidma tagħhom ta' kuljum.*** Il-laqgħa tal-COPEN tal-21 ta' Ġunju 2017 iddiskutiet u adottat it-test tal-formoli[3].

Il-grupp ta' esperti għażel approċċ li huwa bbażat fuq il-loġika interna/l-iskema tad-Deċiżjoni Qafas u l-esperjenza li kisbu f'ħames jew aktar snin ta' xogħol prattiku fuq il-bażi tad-Deċiżjoni Qafas. Il-punt tat-tluq għat-tfassil tal-formoli kienet il-proċedura għall-infurzar transfruntier ta' penali finanzjarja b'attenzjoni partikolari għall-informazzjoni meħtieġa għal eżekuzzjoni b'suċċess, l-iskambju meħtieġ tal-informazzjoni bejn l-Istat emittenti u dak ta' eżekuzzjoni.

### Għaliex hemm ħames formoli?

Il-ħames formoli nħolqu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet differenti ta' informazzjoni li toħroġ waqt il-proċess tal-infurzar. Għalkemm xi Stati Membri stiednu lill-esperti biex iqisu t-tnaqqis tal-għadd ta' formoli, il-fużjoni ta' uħud mill-aspetti tal-formoli differenti, wara eżami mill-ġdid mogħti mill-esperti ġie deċiż li jinżammu 5 formoli differenti. L-argument huwa li l-5 formoli jimmiraw aspetti differenti tal-proċedura. Formoli 1–3 huma maħsuba li jkunu l-aktar formoli użati ta' spiss. Jekk ma tqiegħedx l-informazzjoni kollha relatata, b'mod partikolari dwar il-proċedura ta' ħlas, f'formola waħda se tissimplifika x-xogħol ta' kuljum tal-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, minħabba li l-użu tal-formoli mhux obbligatorju, l-Istati Membri huma liberi li jirreferu għall-formoli kif jixtiequ, kif ikun hemm il-bżonn.

[2] Doc. 14898/16 JAI 1007 COPEN 361 EJN 83
[3] Doc. 9610/17 JAI 540 COPEN 177 EJN 39

Sabiex jiġi ffaċilitat aktar ix-xogħol ta' kuljum ta' dawk li jimmaniġġjaw il-każijiet u l-użu tal-formoli, ġie deċiż li l-formoli jkunu disponibbli bl-24 lingwa tal-UE.

## DESKRIZZJONI TAL-FORMOLI

### Formola 1

Skont l-Artikoli 11, 12 u 15 tad-Deċiżjoni Qafas, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tagħti ċerta informazzjoni lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni. Biex din il-komunikazzjoni ssir aktar faċli, il-grupp ta' esperti jissuġġerixxi l-użu tal-Formola 1. Iż-żewġ punti ewlenin huma l-ħlas volontarju (parti d) u t-terminazzjoni sħiħa jew parzjali tal-eżekuzzjoni (parti e).

### Formola 2 (rikonoxximent sħiħ) u Formola 3 (eżekuzzjoni sħiħa)

Il-Formoli 2 u 3 ikopru l-aktar żewġ messaġġi użati skont id-Deċiżjoni Qafas, jiġifieri r-rikonoxximent sħiħ u l-eżekuzzjoni sħiħa. Din hija wkoll ir-raġuni għaliex dawn iż-żewġ formolu jiġu qabel iż-żewġ formoli l-oħra (Formoli 4 u 5) li jkopru x-xenarji kollha possibbli oħrajn.

Formola 2 (rikonoxximent sħiħ)

Formola 2 u 4 jittrattaw l-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istat ta' eżekuzzjoni lill-Istat emittenti dwar deċiżjoni tar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni. Skont l-esperjenza prattika f'ħafna każijiet id-deċiżjonijiet huma rikonoxxuti b'mod sħiħ (pereżempju, fin-Netherlands, pereżempju, madwar 97 % tal-każijiet huma rikonoxxuti b'mod sħiħ.). Għalhekk formola separata u fuq kollox formola qasira inħolqot. F'dawk il-każijiet l-awtorità ċentrali/kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni tista' biss tieħu formola waħda, timmarka kaxxa waħda, tinnota l-ammont rilevanti u tibgħat il-formola lill-Istat emittenti. Dan jista' faċilment jiġi magħmul u l-persuna responsabbli ma għandhiex għalfejn ikollha x'taqsam mal-eżiti kollha possibbli l-oħra tal-proċedura. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti tista' tara f'ħakka t'għajn il-messaġġ li tkun irċeviet, anki jekk ikun fil-lingwa tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

Formola 3 (eżekuzzjoni sħiħa)

Formola 3 u 5 jittrattaw l-informazzjoni li l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jagħti lill-Istat emittenti dwar (l-eżitu ta') il-proċedura tal-infurzar. Wara r-rikonoxximent, kif turi l-esperjenza, il-maġġoranza tal-każijiet huma kompletament imħallsa. Għalhekk biex ikun kopert dan l-għadd għoli ta' każijiet formola separata u qasira ġiet abbozzata. Bħal fil-każ tar-rikonoxximent sħiħ, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni tista' biss tieħu formola waħda, timmarka kaxxa waħda, tinnota l-ammont rilevanti u tibgħat il-formola lill-Istat emittenti.

### Formola 4 (rikonoxximent parzjali u n-nuqqas ta' rikonoxximent sħiħ) u Formola 5 (ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni):

Billi r-rikonoxximent sħiħ u l-ħlas sħiħ huma koperti mill-Formoa 2 u 3 hemm bżonn li jkunu koperti l-eżiti kollha possibbli oħrajn. Għalhekk il-grupp ta' esperti ħoloq żewġ formoli oħrajn, li jiddistingwu b'mod ċar bejn il-fażi ta' rikonoxximent (Formola 4) u l-proċess ta' eżekuzzjoni (Formola 5).

Formola 4

Il-Formola hija marbuta mal-fażi ta' rikonoxximent u tkopri kull eżitu possibbli ieħor ħlief ir-rikonoxximent sħiħ.

L-ewwel informazzjoni (parti d.1 u d.2) mogħtija hija l-aktar importanti: X'kien ir-riżultat tal-proċedura ta' rikonoxximent — rifjut sħiħ a't rikonoxximent jew rikonoxximent parzjali? - u fil-każ ta' rikonoxximent parzjali: għal liema ammont id-deċiżjoni tkun ġiet rikonoxxuta.

Id-domanda li jmiss hi, għaliex din id-deċiżjoni ma ġietx rikonoxxuta b'mod sħiħ. Għalhekk il-Formola 4 telenka r-raġunijiet differenti għal nuqqas ta' rikonixximent sħiħa jew parzjali:

- Il-Formola 4 tibda bir-raġunijiet għar-rifjut elenkati fl-Artikolu 7 l-Artikolu 20(3) tad-Deċiżjoni Qafas (parti d.3).
- Raġunijiet oħra għar-rifjut barra r-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 7 u l-Artikolu 20(3) tad-Deċiżjoni Qafas, bħalma huma l-mewt tal-persuna kkonċernata, huma elenkati fil-parti d.4. Meta waħda minn dawn ir-raġunijiet tapplika, ma jkun hemm formalment l-ebda raġuni (residenza jew dħul fl-Istat ta' eżekuzzjoni) biex il-każ jiġi ttrasferit għall-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni Qafas).

Lil hinn mill-informazzjoni li d-deċiżjoni kienet biss parzjalment rikonoxxuta jista' jkun hemm aktar informazzjoni dwar il-penali finanzjarja li tkun ġiet rikonoxxuta. Din l-informazzjoni tista' tingħata jekk tkun diġà disponibbli fil-mument tad-deċiżjoni (parti e):

- Ċerti Stati ta' eżekuzzjoni jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni barranija u l-awtorizzazzjoni ta' ħłas bin-nifs f'att wieħed. L-informazzjoni li l-ħlas bin-nifs ġie awtorizzat tista' tkun informazzjoni siewja ħafna għal dawk l-Istati emittenti fejn l-awtorizzazzjoni tal-ħlas bin-nifs għandha impatt fuq il-preskrizzjoni. Parti e.1 isservi għal dan l-iskop.
- Fil-partijiet e.2 u e.3 hemm aspetti oħra kkunsidrati għaliex l-ammont li għandu jiġi eżegwit ikun iżgħar minn dak l-ammont totali tal-penali finanzjarja ddikjarat fiċ-ċertifikat.

**Formola 5 (ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni)**

Peress li hemm formoli speċjali għar-rikonoxximent sħiħ, l-eżekuzzjoni sħiħa u n-nuqqas ta' rikonoxximent totali/parzjali, hemm ħtieġa għal formola waħda li tkopri l-eżiti kollha possibbli oħrajn tal-infurzar - li għandhom ikunu inklużi fil-Formola 5.

Hemm ċerti Stati ta' eżekuzzjoni fejn il-ħlas bin-nifs ma jkunx awtorizzat fl-istess deċiżjoni billi r-rikonoxximent huwa ppronunzjat imma huwa trattat fi stadju aktar tard tal-proċess ta' eżekuzzjoni. L-informazzjoni li l-ħlas bin-nifs ġie awtorizzat tista' tkun ta' valur kbir għal l-Istati emittenti fejn l-awtorizzazzjoni tal-ħlas bin-nifs għandha impatt fuq il-preskrizzjoni. Għalhekk din l-informazzjoni hija wkoll inkluża fil-Formula 5 iżda taħt perspettiva differenti (parti d).

Ladarba l-eżekuzzjoni tkun intemmet l-ewwel informazzjoni li tingħata tikkonċerna d-data ta' tmiem tal-infurzar u l-eżitu tal-infurzar. Din l-informazzjoni tingħata fil-parti e.1. u e.2.

Jekk ammont ġie mnaqqas wara r-rikonoxximent ta' din id-deċiżjoni hemm lok li dik l-informazzjoni tingħata fil-parti e.3.

Parti e.4 tiddikjara r-raġunijiet għat-terminazzjoni tal-infurzar (għajr l-eżekuzzjoni sħiħa). Parti e.4 tittratta r-raġunijiet għat-terminazzjoni elenkati fl-Artikoli 12(2), 11(1) u 9(1) tad-Deċiżjoni Qafas. Peress li l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni Qafas jirreferi għar-raġunijiet għat-

terminazzjoni tal-infurzar ibbażati fuq il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, din il-parti tal-formola fiha apparti mill-aktar raġunijiet komuni għat-terminazzjoni wkoll il-possibbiltà li jiġu elenkati "raġunijiet oħra".

---